

21994D1229(06)

29.12.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 339/89

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 29/94****tat-2 ta' Diċembru 1994****li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/94 tal-21 ta' Marzu 1994 li temenda l-Protokoll 47 u ċerti l-Annessi għall-Ftehim taż-ŻEE <sup>(1)</sup>;

Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 94/23/KE tat-8 ta' Ġunju 1994 li temenda, bil-għan li jiġu stabbiliti l-istandards minimi għall-ittestjar tas-sistemi tal-brejkijiet tal-vetturi, id-Direttiva tal-Kunsill 77/143/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-testijiet ta' jekk vetturi b'makna u trejlers tagħha humiex tajbin għat-triq <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness XIII għall-Ftehim fil-punt 16 (Direttiva tal-Kunsill 77/143/KEE) qabel l-addattament:

“– **394 L 0023:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/23/KE tat-8 ta' Ġunju 1994 (ĠU L 147, ta' l-14.6.1994, p. 6).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 94/23/KE fil-lingwa Finlandiża, Islandiża, Norveġiża u Svediża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar 1995, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. HAFSTEIN

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, tat-28.6.1994, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 147, 14.6.94, p. 6.